# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru: 965/2020 TA**

**Bank of Valleta p.l.c. (C2833)**

**Vs**

1. **C.F.C. International Limited (C10673)**
2. **L-Avukat Dr. Yana Buġeja u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil nominanti b'digriet tal-24 ta' Mejju 2021 bħala kuraturi Deputati nominanti sabiex jirrappreżentaw lis-soċjeta Allegro Andante Limited (C24105)**
3. **Dr. Anthony Philip Farruġia (K.I. 468259M) u martu Maryanne Farruġia (K.I. 209562M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta Bank of Valletta P.l.c (Is-Soċjeta rikorrenti) tad-29 ta' Ottubru 2020.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ( l-intimati kuraturi) tal-4 ta' Awwissu 2021.

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' CFC International Ltd (is-Soċjeta' intimata) u tal-konjuġi Farruġia (l-intimati Farruġia) tal-14 ta' Diċembru 2021.

Rat l-Atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet għal-lum.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Permezz ta' din il-proċedura is-Soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob li tkun awtoriżżata li tesegwixxi l-kuntratt datat 16 ta' Mejju 2007 fl-Atti tan-Nutar Henri Vassallo ( dok A mar-rikors promotur).

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-intimati qiegħdin jilmentaw mill-imgħaxijiet tas-somma li qed tkun mitluba li tiġi eżegwita. Mill-Kuntratt imsemmi l-ammont ta' €194,738.15 oriġinarjament kien imgħaxijiet u li bil-kuntratt inkwistjoni ġie konvertit għall-kaptila fid-dawl tal-kostituzzjoni ta' debitu li l-intimati kollha pjenament aċċettaw bħala tali. Imgħaxijiet imsemmija huma dawk li ddekorrew skont il-liġi u espressament stipulat fil-kuntratt inkwistjoni.

Imma apparti din l-osservazzjoni, fil-proċedura inkwistjoni, ma hux kompitu ta' din il-Qorti li tidħol fil-mertu tal-kontenzjoni ta' bejn il-partijiet. Kif qalet il-**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Bank of Valletta plc v. Refco Co. Ltd et deċiża fit-12 ta' April, 2012**:

*"Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment m'huwiex il-kompitu tal-qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isir hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obbligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu esekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-esekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-*

*intimati." U fis-sentenza fl-**ismijiet*** **Edgar Fava -vs.- Gerald Rapinett tal-25 ta' Frar 2021, il-Qorti tal-Appell** qalet hekk: "*din il-Qorti tibda biex tosserva li l-indaġini li hi trid tagħmel f'każijiet ta' din ix-xorta huwa wieħed limitat."*

La darba din il-Qorti kkonstatat li d-debitu għadu dovut flimkien mal-imgħaxijiet kif stipulati fil-kuntratt, din il-Qorti għandha tilqa' it-talba. Din ma hiex xi kawża iżda proċedura għall-eżekuzzjoni ta' titolu li diġa' jeżisti. Dan ma jfissirx li is-Soċjeta' rikorrenti għandha titlob aktar minn dak miftiehem jew li mhux permissibbli fil-liġi. F'din l-evetwalita', id-debitur għandu rimedji oħrajn disponibbli għalih biex iħares l-interessi tiegħu.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tas-Soċjeta' rikorrenti.

Spejjeż a' karigu tal-konvenuti.

**Illum 15, ta' Diċembru, 2022**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**